# <u>QRATI KRIMINALI INFERJURI</u>

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA LL.D.

**PULIZIJA**
**SPETTUR CHANTELLE CASHA**

**VS**

**MOHAMED HASSAN ABDILLAHI**
**(ID Nru.: 9001303A)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 633/2015**

Illum,19 ta` Awwissu, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mohamed Hassan Abdillahi, detentur tal-karta tal-identita` numru 9001303A.

**Akkuzat talli:**

Fil-lejl ta` bejn id-disgha (9) u l-ghaxra (10) t'Awwissu, 2015, f'Birzebbuga:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` haddiehor f;periklu car, ikkaguna offiza ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Mustafa Hassan Ali minhabba li l-istess offiza sejra ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc tal-istess Mustafa Hassan Ali, skont kif iccertifika Dr. P. Zammit, MD, mill-isptar Mater Dei;

2. Hebb kontra Mustafa Hassan Ali sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

3. Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, kif ukoll;

4. F'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, instab fis-sakra b'mod li ma kienx jista` jiehu hsieb tieghu innifsu.

Il-Qorti giet gentilment mitluba tohrog ordni ta` protezzjoni ai termini tal-artikolu 412 (C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, kif ukoll tapplika l-artikoli 383, 384 u 385 tal-istess Kapitolu ghas-sigurta` ta` Mustafa Hassan Ali, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta` htija, ma` kull piena li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Fl-ahhar nett, il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 218 (1) (b), 339 (1) (d) u 338 (dd) (ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ghal dawn il-motivi:**

Din il-Qorti tikkundanna lill-imputat sena (1) prigunerija sospiza ghal sentejn (2) a tenur tal-Artikolu 28 (A) tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**DR. CAROL PERALTA, MA (Human Rights & Democ.), LL.D., MAGISTRAT**